A.L. 170 ta' l-1993

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR
(KAP. 261)

Ordni ta' l-1993 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 10)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1993 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 10). Titolu.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar. Proprjetà speċifikata.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mid-19 ta' Novembru, 1993. Jum stabbilit.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri: Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

(1) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern Ta' Farzina, limit Qormi:

(a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 269.9 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' Triq is-Sajf, mix-Xlokk ma' Triq id-Deheb Fin u mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Paul Farrugia, delineata bl-aħdar u markata bħala Plot 6 fuq L,D. 9/82/11;

(b) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 207.5 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' Triq is-Sajf, mix-Xlokk ma' Triq il-Ħelsien u mill-Punent ma' proprjetà ta' Joseph F. Scicluna, delineata bl-aħdar u markata bħala Plot 61 fuq L.D. 9/82/12;

(ċ) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 228.4 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana f'parti ma' proprjetà ta' Mario Grech u f'parti ma' proprjetà tal-Gvern, minn Nofs-in-Nhar ma' Triq ir-Rebbiegħa u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Carmelo Bellizzi, delineata bl-aħdar u markata bħala Plot 70 fuq L.D. 9/82/12.

(2) Blokk ta' 40 flat magħrufa bħala Binja K, fil-Qasam tal-Bini tal-Gvern ta' Bulebel iż-Żgħir, Żabbar.

Il-flats imsemmija huma aċċessibbli minn erba' bibien interni enumerati kif ġej:

1 sa 10 b'entratura komuni A,
1 sa 10 b'entratura komuni B,
1 sa 10 b'entratura komuni C, u
1 sa 10 b'entratura komuni D,

Il-blokk kollu huwa konfinat mit-Tramuntana ma' Triq il-Ġiżimin, mill-Punent u Lvant ma' toroq pubblići, u nbena fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tagħmel parti minn Rural Tenement No. 50785 Portion 15, li tinsab delineata bl-aħdar fuq L.D. 37/81/31.

(3) Flat numru 3 f'21, Blokk A, Bini tal-Gvern, Triq il-Ġdida, Luqa.

(4) Maisonette bin-numru 7, Blokk 5, Triq Għeriexem, Rabat, Malta (Tenement No. 64362).

(5) Id-dar bin-numru 10, Triq il-Pensjeri, Phase 1, Neighbourhood II, Santa Luċija, Malta (Tenement No. 66943).

(6) Id-dar imsemmija "St. Rita", Triq it-Tabib Anton Tabone, Qasam tal-Bini tal-Gvern Taċ-Ċawla, Victoria, Għawdex (Tenement No. 60373).

(7) Biċċa art f'żona magħrufa bħala Ta' l-Għeżien, ix-Xagħra, Għawdex, tal-kejl ta' madwar 1232.37 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana u Lvant ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Punent ma' Triq Jannar, li tagħmel parti minn Gozo Government Rural Tenement No. 50010 u tidher delineata bl-aħdar fuq L.D. 184/93.

(8) Id-dar bin-numru 7, Ringiela D, Triq iċ-Ċeżalpina, Qasam tad-Djar tal-Gvern Ta' Paris, Birkirkara (Tenement No. 68482).